**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 223/2008 MLF**

**Restudio Limited u l-Perit Jevin Vella, u b'digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Novembru 2008, l-isem "Jevin" gie sostitwit bl-isem "Jevon"**

**Vs**

**Stefan Borg Manduca**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu sabiex il-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef sebgha mija sitta u ghoxrin Ewro u disa' u disghin centezmi (€3726.99) u t-taxxa fuq il-valur mizjud applikabbli rapprezentanti drittijiet professjonali u zborsi maghmula mill-atturi fuq inkarigu tieghu u minnu mhux imhallsa.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodici Civili pprezentata precedentement, kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat ir-risposta tal-intimat Stefan Borg Manduca fejn espona:

Illi fl-ewwel lok, l-intimat ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi kwalunkwe ftehim u negozjati relattivi ghal kwistjoni mertu tal-kaz saru, kif kien ben konsapevoli Jovin Vella, mill-intimat Borg Manduca ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' SBM Company Limited u mhux f'ismu proprju u s-servizz gew rezi a favur tal-istess socjeta' u in konnessjoni ma proprjeta' tas-socjeta' u mhux a favur tal-intimat personalment.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti Restudio Limited ma ghandha l-ebda locus standi fil-kawza odjerna stante illi s-servizzi rezi u l-prezentata tal-kawza odjerna saru minghajr id-debita awtorizzazzjoni u konsapevolezza tad-diretturi kollha tas-socjeta' u d-direttur Jevin Vella kkontratta minghajr il-kunsens u l-konsapevolezza tad-diretturi l-ohra ta' Restudio Limited. Ghalhekk, is-socjeta' rikorrenti Restudio Limited ma kienitx awtorizzata illi tghamel dan ai termini tal-Memorandum and Articles of Association kopja annessa;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-servizzi rezi mir-rikorrenti ma kienux skond is-sengha u l-arti tant illi l-intimat kien kostrett jittermina l-inkarigu moghti lir-rikorrenti u jqabbad lill-haddiehor;

Illi in piu', l-ammont pretiz mir-rikorrenti huwa eccessiv u ezagerat u jeccedi t-tariffa stipulata mill-ligi u r-regolamenti ghas-servizzi professjonali u l-ispejjez sborzati mir-rikorrenti;

Illi inoltre l-intimat fl-ebda stadju ma rrifjuta illi jhallas lir-rikorrent ghall-prezz gust tas-servizzi rezi u fil-fatt offra hlas permezz ta' cekk liema hlas gie rrifjutat mir-rikorrenti. Filwaqt illi l-intimat ittenta jhallas dak verament dovut minnu u cioe' l-ammont iccitat fil-fattura originali mibghuta mir-rikorrenti, dan il-hlas gie ngustament rifjutat mir-rikorrenti ghaliex l-istess rikorrenti, wara t-terminazzjoni ta' l-inkarigu da parti ta' l-intimat, kapriccjosament u ngustament u bla ebda bazi fil-ligi, mmultiplikaw l-ammont minnhom pretiz;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat ir-replika tal-attur u n-nota tieghu ipprezentata wara r-replika.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-19 ta' Novembru 2013 fejn talab lil din il-Qorti tordna l-isfilz tad-dokument ezebit a fol. 110 tal-process u anness man-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, stante li dan id-dokument jikkostitwixxi prova gdida.

Rat ir-risposta tal-attur Perit Jevon Vella ghal dan ir-rikors tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 2013, fejn irribatta li dan id-dokument ma jikkostitwix prova gdida.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2004, gie verbalizzat hekk: *"L-avukati difensuri jiddikjaraw li m'ghandhomx xi jzidu man-nota ta' sottomissjonijiet u mar-rikors tal-isfilz u r-risposta relattiva u talbu li l-Qorti tiddeciedi t-talba ghall-isfilz flimkien mal-mertu ta' dawn il-proceduri."*[1]

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. L-attur Perit Jevon Vella hu azzjonista f'sehem ugwali ma' certa Erica Falzon fis-socjeta attrici Restudio Ltd. Id-direttur ta' din is-socjeta kien Frank Falzon, li mix-xhieda ta' Erica Falzon, irrizenja fl-2007[2] - cioe qabel bdiet din il-kawza. L-attur Perit Jevon Vella hu s-segretarju ta' din is-socjeta, kif ukoll kellu r-rapprezentanza gudizzjarja u dik legali ta' l-istess socjeta.[3]

---

[1] Ara fol. 159 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Erica Falzon a fol. 78 tal-process.
[3] Ara dokument ezebit a fol. 94 *et seq.* tal-process.

2. Il-konvenut hu direttur tas-socjeta SBM Company Limited, li giet iffurmata minnu sabiex tmexxi n-negozju ta' hanut bhala wine bar u art gallery go fond gewwa Amery Street, tas-Sliema.

3. Lejn in-nofs is-sena 2006, il-konvenut beda jiehu l-passi kollha necessarji sabiex jiftah dan il-hanut.

4. Dak iz-zmien, il-konvenut kien jiffrekwenta lil Erica Falzon, azzjonista tas-socjeta attrici, u din qaltlu li s-socjeta taghha kellha perit, l-attur Perit Jevon Vella, li seta' jghin fid-disinn tal-fond. Ghalhekk, il-konvenut iddecieda li jqabbad lil dan il-Perit sabiex jiehu hsieb id-disinn tal-post (interior design), kif ukoll jiehu hsieb dak kollu illi kien necessarju nkluz applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, kuntatti, laqghat u pjanijiet ma' kuntratturi ta' xogholijiet u materjali mehtiega.

5. Il-Perit Vella jghid li hu iltaqa' mal-konvenut lejn l-ahhar t'Ottubru 2006, izda l-konvenut jghid li iltaqghu xhur qabel din id-data. Il-hanut qabel kien gestit bhala beauty salon, u l-konvenut ried jibdel il-generu tan-negozju ghal dak fuq imsemmi, u konsegwentement kellha ssir applikazzjoni lil Malta Environment and Planning Authority (MEPA).

6. Il-Perit Vella jghid li fi zmien gimghatejn hu iltaqa' diversi drabi fuq il-post in kwistjoni mal-konvenut u mal-kuntratturi li kien igib il-konvenut, biex jiddiskutu l-progett. Sadanittant hu jghid li beda igib stimi in konnessjoni ma' supplies li kienu mehtiega fil-post. Il-konvenut xtaq jiftah il-post fi zmien il-Milied.

7. Fil-31 ta' Ottubru 2006[4], il-Perit Vella ipprezenta l-applikazzjoni lil MEPA ghal *"change of use from beauty salon to art gallery and wine bar, with minor internal alterations."* Ma din l-applikazzjoni gew annessi xi pjanti, pero dawn ma gewx ezebiti f'dawn il-proceduri. Din l-applikazzjoni saret f'isem il-konvenut personalment, u l-Perit Vella nizzel bhala indirizz tieghu, l-indirizz tas-socjeta attrici.

---

[4] Ara fol. 20 tal-process.

8. Fil-fehma tal-konvenut, il-Perit Vella dam aktar milli suppost sabiex jigi jipprezenta l-applikazzjoni, u fil-fatt fit-2 ta' Novembru 2006 - jumejn wara li giet sottomessa l-applikazzjoni, il-Perit ircieva email minghand il-konvenut fejn infurmah li ma kienx ghadu interessat li hu ikompli bhala perit fl-inkarigu li kien tah. Apparti li talbu l-kont, il-konvenut talbu l-approvazzjoni tieghu sabiex juza disinn ta' mejda "eggshape" li l-Perit kien ghamel.[5]

9. Il-konvenut jghid li apparti l-applikazzjoni mal-MEPA u d-disinn jew sketch tal-"eggshape" li kellha ssir gewwa – liema disinn kien *simple drawing* minghajr ebda dettalji teknici – il-Perit Vella qatt ma tah xi servizz iehor.

10. B'email tas-6 ta' Novembru 2006, il-Perit informa lill-konvenut li kien baghtlu l-kont bil-posta, u li kien se jiffirma ic-*"Change of Architect Form"*, wara li cheque tal-konvenut ikun gie imsarraf.

11. Il-kont li baghat il-Perit Vella lill-konvenut datat 1 ta' Novembru 2006 kien ta' LM548.40. Il-konvenut ikkontesta dan l-ammont ghax rah gholi, b'ittra tal-14 ta' Novembru 2006, u baghtlu cheque ta' LM100.00 ghas-saldu.

12. Il-Perit Vella iffirma il-Formula ghal meta jitbiddel Perit fis-17 ta' Novembru 2006, u baghtha lill-attur. Ghal xi raguni din il-formula damet ma waslet ghand il-MEPA. Pero, ghalkemm ingabu hafna provi miz-zewg nahat, fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-kwistjoni hija rilevanti ghar-rizoluzzjoni tal-kaz odjern.

13. Il-konvenut baqa' jinsisti mal-Perit Vella biex itih breakdown tal-kont ta' LM 548.50. Fit-12 ta' Dicembru 2007, il-konvenut ircieva ittra ohra minghand il-Perit Vella, fejn apparti li indika l-breakdown, hu talab li l-konvenut ihallsu l-ammont ta' Lm1621.12 – aktar mid-doppju tal-kont originali.

14. Fix-xhieda tieghu, il-Perit Vella jispjega li l-ewwel kont kien baghtu *on account*, fil-waqt li t-tieni kont kien dak finali, mahdum skond it-tariffa preskitta fl-Iskeda K tal-Kodici tal-Procedura Civili.

---

[5] Ara fol. 24 tal-process.

15. F'dawn il-proceduri, l-atturi qed jitolbu li l-konvenut ihallashom is-somma ta' €3726.99 – ekwivalenti ghal LM1,600 u l-VAT fuq dan l-ammont.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Qabel ma tikkonsidra l-meritu, l-Qorti se tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut

*L-Ewwel Eccezzjoni – li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.*

Fl-ewwel lok, l-konvenut jeccepicci li hu ma huwiex il-legittimu kontradittur, stante illi kwalunkwe ftehim u negozjati relattivi ghal kwistjoni mertu tal-kaz saru, kif kien ben konsapevoli Perit Jevon Vella, mill-konvenut ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' SBM Company Limited u mhux f'ismu proprju, u s-servizz gew rezi a favur ta' l-istess socjeta' u in konnessjoni ma' proprjeta' tas-socjeta' u mhux a favur tal-konvenut personalment.

Illi apparti li ma ngabet l-ebda prova li l-fond in kwistjoni jappartjeni lis-socjeta SBM Company Limited, mill-provi bl-ebda mod ma jirrizulta li l-atturi, jew xi wiehed minnhom kien konsapevoli li l-konvenut ma kienx qed jiftiehem f'ismu personali pero f'isem is-socjeta tieghu. L-applikazzjoni lil MEPA saret f'isem il-konvenut personali u inghata l-indirizz personali tieghu, u l-konvenut ma kellu l-ebda oggezzjoni ghal dan. Inoltre fl-iskambju ta' emails ezebiti li kellu mal-Perit Vella, dawn dejjem intbaghtu minn fuq l-indirizz elettroniku personali tal-konvenut, u l-konvenut ma ta l-ebda indikazzjoni li kien qed jikteb f'isem u ghan-nom ta' xi socjeta.[6] Fl-affidavit tieghu, ix-xhud Philip Piscopo dejjem qal li hu kien jahdem ghal konvenut, u qatt ma semma li kien qed jahdem ghal xi socjeta tal-konvenut.[7]

Konsegwentement, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

---

[6] Ara fol. 23, 24 u 25 tal-process.
[7] Ara l-affidavit ta' Philip Piscopo a fol. 31 *et seq.* tal-process.

*<u>It-Tieni Eccezzjoni – In-nuqqas ta' locus standi tas-Socjeta Restudio Ltd.</u>*

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa wkoll li s-socjeta' attrici Restudio Limited ma ghandha l-ebda *locus standi* fil-kawza odjerna stante illi s-servizzi rezi u l-prezentata tal-kawza odjerna saru minghajr id-debita awtorizzazzjoni u konsapevolezza tad-diretturi kollha tas-socjeta' u d-direttur Jevon Vella kkontratta minghajr il-kunsens u l-konsapevolezza tad-diretturi l-ohra ta' Restudio Limited. Ghalhekk, is-socjeta' attrici Restudio Limited ma kienitx awtorizzata illi tghamel dan ai termini tal-Memorandum and Articles of Association kopja annessa.

Illi fl-ewwel lok, ghalkemm il-konvenut jghid fir-risposta tieghu li qed jannetti kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta attrici, mill-atti jirrizulta li r-risposta giet ipprezentata minghajr ebda dokument anness maghha, u dawn lanqas gew ipprezentanti fil-mori tal-proceduri.

Mid-dokumenti ezebiti,[8] jirrizulta li l-Perit Vella huwa segretarju tas-socjeta attrici u huwa biss ghandu ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja. Ghaldaqstant, huwa seta' jidhol fi ftehim ghan-nom tas-socjeta attrici kif ukoll seta' jintavola l-proceduri odjerni ghan-nom tas-socjeta attrici, minghajr il-htiega li jkollu l-approvazzjoni tad-diretturi jew tal-maggoranza tal-azzjonisti. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li l-Memorandum u l-Articles of Association tas-socjeta attrici jghidu mod iehor.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

*<u>It-Tielet Eccezzjoni – li s-Servizzi rezi mill-Atturi ma kienx skont l-arti u s-sengha</u>*

Fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-konvenut eccepixxa li is-servizzi rezi mir-rikorrenti ma kienux skond is-sengha u l-arti tant illi l-konvenut kien kostrett jittermina l-inkarigu lill-atturi u jqabbad lil haddiehor.

[8] Ara fol. 94 *et seq.* tal-process.

Ladarba l-konvenut ma ghamilx kontro-talba ghad-danni kontra l-atturi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tinoltra ruha f'din l-eccezzjoni, stante li l-konvenut kellu kull dritt jittermina l-inkarigu tal-atturi anke minghajr raguni valida. Il-kwistjoni bejn il-partijiet u li trid tigi deciza minn din il-Qorti hija, kemm ghandhom jithallsu l-atturi, jew min minnhom, ghas-servizzi minnhom rezi lill-konvenut.

Konsegwentement, il-Qorti qed tastjenti milli tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

*Il-Meritu*

Il-konvenut qed jissottometti li l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u esagerat.

Qabel tidhol fil-kwistjoni tal-meritu ta' din il-vertenza, il-Qorti se tikkunsidra r-rikors tal-konvenut tal-19 ta' Novembru 2013 fejn talab lil din il-Qorti torda l-isfilz tad-dokument ezebit a fol. 110 tal-process u anness man-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, stante li jissottomettu li dan id-dokument jikkostitwixxi prova gdida. Min-naha l-ohra, l-atturi jirribattu din is-sottomissjoni tal-konvenut u li *"gie prezentat ghaliex saret referenza ghalih u ghal fatti relatati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut."*

Din il-Qorti, wara li fliet il-process, m'ghandhiex dubbju li d-dokument a fol. 110 tal-process – li jikkontjeni allegata stima tax-xogholijiet li abbazi taghha l-attur Perit Vella hadem it-tieni kont tieghu - jikkostitwixxi prova gdida, li messha tressqet mill-atturi fl-istadju tal-provi taghhom, u mhux f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza meta mhux biss l-atturi imma anke l-konvenut ghalqu l-provi taghhom, u tigi ezebita man-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi. Konsegwentement, il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu tad-19 ta' Novembru 2013, u tordna l-isfilz tad-dokument ezebit a fol. 110 tal-process.

Mix-xhieda tal-attur il-Perit Vella, l-konvenut kien inkarigah ghall-ahhar t'Ottubru, u li fit-2 ta' Novembru 2006, il-konvenut infurmah li ma riedx jinqeda izjed bis-servizzi tieghu. Ghalhekk, fl-ahjar ipotezi ghall-attur hu dam madwar hmistax-il gurnata jahdem ghall-konvenut. Fil-fatt hu jghid li f'dawn il-hmistax-il gurnata huwa kellu diversi inkontri mal-konvenut u l-kuntratturi tieghu, ipprezenta l-applikazzjoni il-MEPA u ghamel sketch jew

disinn ta' mejda ovali. Hu jghid li matul dan iz-zmien kien qed igib stimi in konnessjoni mas-supplies li kienu mehtiega fil-post, pero ma gab l-ebda prova ta' dan.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-atturi jghidu hekk: *"L-intiza bejn il-partijiet kienet li l-attur bhala perit, kellhu jiehu hsieb ix-xogholijiet kollha li jirrigwardaw permessi tal-izvilupp u l-istrutturar tal-fond per se, mentre s-socjeta Restudio Ltd kellha tiehu hsieb l-aspett partikolari ta' interior design."*[9] Din l-allegata *"intiza"* qatt ma ssemmiet fix-xhieda tal-Perit Vella u wisq inqas ingabet xi prova oggettiva taghha. Fil-gbir tal-provi ma saret l-ebda distinzjoni bejn servizzi rezi mis-socjeta attrici u servizzi rezi minn Jevon Vella bhala Perit individwali, u fiz-zewg kontijiet li intbaghtu lill-konvenut din id-distinzjoni ma saritx. Dan qed jinghad b'mod specjali ghat-tieni kont, fejn il-Perit jghid li inhadem skond id-drittijiet tal-Periti stabbiliti fit-Tariffa K tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Kif sewwa irrileva l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, filwaqt li l-ewwel kont inhareg mill-Perit Vella ghan-nom tas-socjeta attrici ghal xogholijiet maghmula mill-istess Perit, it-tieni kont inhareg mill-Perit Vella f'ismu propju fuq letterhead intestata – *"Jevon Vella_architecture bureau"*[10]. Nonostante li fit-tieni kont, il-Perit Vella indika l-valur tal-progett ghall-finijiet tat-Tariffa bhala Lm22,650, huwa qatt ma ta spjegazzjoni ghall-origini jew komputazzjoni ta' dan l-ammont. Frankament, jekk fl-applikazzjoni li giet sottomessa lill-MEPA il-Perit Vella qal li kull ma kien qed jintalab hu bdil fl-uzu tal-post u *"minor internal alterations"*, din il-Qorti ma tistax tifhem kif it-tibdil strutturali fil-fond kien se jammonta ghal Lm22,650. Certament li din il-valutazzjoni tal-Perit Vella mhix wahda kredibbli.

Ovvjament xoghol ta' *interior design* anke jekk maghmul minn Perit Arkitett mhux kopert bit-Tariffa K fil-Kodici ta' Procedura Civili, ghax mhux xoghol rizervat esklussivament ghal min ghandu l-warrant ta' Perit.

Il-Perit Vella mhux jikkontesta li l-konvenut infurmah li l-inkarigu tieghu gie terminat qabel ma baghat l-ewwel kont, u il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-Perit Vella fehem li meta l-konvenut talbu jtih il-kont, il-konvenut ried il-kont shih ghas-saldu, ghax ovvjament ried jinkariga perit iehor. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel kont hareg bl-intestatura

[9] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi a fol. 98 tal-process.
[10] Ara dokument a fol. 37 *et seq.* tal-process.

*"breakdown of professional fees* due on account *for services rendered to date."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ovvjament il-Perit Vella ma ghamel l-ebda xoghol addizzjonali bejn l-ewwel kont datat 1 ta' Novembru 2006 u t-tieni kont datat 12 ta' Dicembru 2012. Ghalhekk ix-xoghol kopert fiz-zewg kontijiet huwa identiku. Il-Perit Vella jipprova jispjega d-diskrepanza bejn iz-zewg kontijiet billi jghid li l-ewwel wiehed kien *"on account"* filwaqt li t-tieni wiehed kien dak finali mahdum skond it-tariffa stabbilita fil-Kodici ta' Procedura Civili. Apparti li fl-opinjoni tal-Qorti, din l-ispjegazzjoni totalment ma taghmilx sens, ghax iz-zewg kontijiet kellhom ikunu finali u ghas-saldu, imma l-ironija hi li anke t-tieni kont ghandu l-istess intestatura bhal l-ewwl kont u cioe *"breakdown of professional fees* due on account *for services rendered to date."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi fl-email datata 6 ta' Novembru 2006, il-Perit Vella, wara li informa lill-konvenut li kien baghtlu l-kont bil-posta, informah ukoll illi *"I will send you a signed "Change of Architect" form, once your cheque has been cleared."* Dan il-kliem jista' biss ifisser li fis-6 ta' Novembru 2006, f'mohh il-Perit Vella, il-kont datat l-1 ta' Novembru 2006, cioe l-ewwel kont, kien il-kont finali, ghaliex kieku kien biss kont akkont tal-prezz, il-Perit certament ma kienx se jaghti r-rilaxx tieghu, sabiex il-konvenut ikun jista' jqabbad perit iehor. Kien biss wara li l-Perit Vella irceva c-cekk ta' Lm100 minghand il-konvenut, illi unilateralment iddecieda illi jibghat it-tieni kont fuqu personali b'komputazzjoni elevata u ezagerata.

Mill-kumpless tal-provi akkwiziti, il-Qorti hija konvinta li l-attur Perit Jevon Vella kien dejjem qed jagixxi f'isem u ghan-nom tas-socjeta attrici, ghax il-karti kollha li gew iffirmati kienu ghan-nom ta' din is-socjeta, u ghalhekk il-hlas ghandu jsir lilha. Il-Qorti hija wkoll konvinta li l-ewwel kont mahrug mill-Perit Vella fl-1 ta' Novembru 2006 huwa dak korrett.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut;

2. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut;

3. l-Qorti qed tilqa' t-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu tad-19 ta' Novembru 2013, u tordna l-isfilz tad-dokument ezebit a fol. 110 tal-process.

4. tilqa' limitatament ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut, u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf, mitejn u seba' u sebghin Euro u sitta u sittin centezmu (€1,277.66), ekwivalenti ghas-somma ta' hames mija tmienja u erbghin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm548.50) bl-imghax kontra l-konvenut.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili pprezentata precedentement, kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru, ghandhom jigu subiti kwantu ghal zewg terzi mill-atturi u kwantu ghal terz mill-konvenut.

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**